

Brussell, 19 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0325 (COD)

13296/16
ADD 1

RECH 288
MED 52
AGRI 556
MIGR 184
CODEC 1478

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ottubru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 331 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l- Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2016) 331 final.

Mehmuż: SWD(2016) 331 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.10.2016
SWD(2016) 331 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**dwar il-partekipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona
tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri**

{COM(2016) 662 final}
{SWD(2016) 332 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt - Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fi Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
<p>Il-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran huma ġestiti b'mod mhux sostenibbli. Din l-isfida qed tiġi ggravata bit-tibdil fil-klima u għandha impatti downstream importanti inkluż l-istress soċjali u ekonomiku, l-instabbiltà u l-migrazzjoni esterna.</p> <p>Raġuni ewlenija għall-ġestjoni mhux sostenibbli tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran hija n-nuqqas ta' sett ta' soluzzjonijiet innovattivi komuni li huma adattati għar-realtajiet lokali tar-reġjun u trasferibbli b'mod faċli fih, u li ġew ippilotati bis-sħiħ u murija fuq il-post.</p> <p>Dawn is-soluzzjonijiet mhumiex qed jiġu ssodisfati għaliex il-livell globali tal-investment fir-R&I fiż-żona tal-Mediterran mhuwiex proporzjonat mad-daqs tal-isfida reġjonali; il-livelli tal-investment ivarjaw bil-kbir bejn il-pajjiżi; il-finanzjament mhuwiex iffukat tajjeb fuq l-indirizzar tal-isfida tal-ilma u tal-ikel; il-partijiet interessati rilevanti involuti – pereżempju dawk tas-settur privat – mhux dejjem ikollhom kapaċitajiet fir-R&I b'saħħithom biżżejjed; u r-R&I u l-isforzi ta' kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tan-Nofsinar u tal-Lvant tal-Mediterran huma mifruxin wisq (irregolati l-aktar minn ftehimiet bilaterali) biex ikollhom xi impatt sinifikanti.</p>
X'inhu mistenni li tikseb din l-inizjattiva?
<p>L-objettiv ġenerali huwa li jiġu żviluppati s-soluzzjonijiet innovattivi komuni li huma ppilotati bis-sħiħ u murija fil-qasam tal-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel li r-reġjun tal-Mediterran jeħtieġ b'mod urġenti, biex b'hekk il-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran ikunu aktar effiċjenti, kosteffettivi u sostenibbli, u b'hekk jikkontribwixxu għas-soluzzjoni tal-problemi ta' livell ogħla fil-qasam tan-nutrizzjoni, is-saħħa, il-benesseri u l-migrazzjoni.</p> <p>Dan l-objettiv ġenerali huwa tradott f'dawn l-erba' objettivi speċifiċi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Il-formulazzjoni ta' aġenda tar-R&I strateġika komuni, stabbli u fit-tul fil-qasam tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel; - L-orjentazzjoni tal-programmi tar-R&I nazzjonali kollha lejn l-implimentazzjoni tal-aġenda tar-R&I strateġika; - L-involviment strutturali tal-atturi tar-R&I rilevanti kollha (fis-settur pubbliku u privat) fl-implimentazzjoni tal-aġenda tar-R&I strateġika billi jaqsmu l-għarfien u r-riżorsi finanzjarji bejniethom sabiex jiksbu l-massa kritika meħtieġa; - It-tisħiħ tal-finanzjament tar-R&I u tal-kapaċitajiet tal-implimentazzjoni tal-atturi kollha involuti.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
<p>L-inizjattiva taqbel bis-sħiħ mal-Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni għaliex tindirizza xi wħud mill-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni; tinsab b'mod ċar fl-interkambju bejn il-politika dwar ir-riċerka, it-tibdil fil-klima, l-ambjent u l-agrikoltura; u tagħti xhieda tal-mudell ġdid ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp appoġġjat mill-Qafas ta' Sħubija ġdid sa fejn dan jinvolvi l-investituri privati, tingrana r-riżorsi limitati tal-baġit u tiffoka fuq l-SMEs u l-infrastruttura sostenibbli.</p> <p>Azzjoni fil-livell tal-UE biss hija kapaċi tikseb programm koordinat tajjeb u integrat li jilħaq l-iskala meħtieġa, l-ambitu u l-massa kritika biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi u ġenerali. Azzjoni fil-livell tal-UE hija kkaratterizzata minn effett b'saħħtu ta' ingranaġġ għaliex timmobilizza investment pubbliku u privat addizzjonali sinifikanti. Tiġġenera wkoll impatti li jmorru lil hinn mill-politika u s-soluzzjonijiet tar-R&I, biex b'hekk tappoġġja l-politiki esterni u l-isforzi tal-UE biex tindirizza l-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni. L-involviment tal-UE fi' PRIMA huwa probabbli wkoll li jsaħħaħ il-viżibbiltà tal-Ewropa u r-responsabbiltà globali, fl-ispirtu tal-Politika tal-Viċinat tal-UE, li tinkoraġġixxi d-differenzjazzjoni u sjieda reċiproka akbar mas-sħab tal-viċinat.</p>
B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
<p>Għażla 0: L-ebda tibdil fil-politika - Xenarju bażi - L-Orizzont 2020 ikompli jappoġġja suġġetti dwar kwistjonijiet tal-ilma u l-ikel b'mod ġenerali fuq bażi <i>ad hoc</i>. Mhuwiex probabbli li jitnedew inizjattivi ddedikati bil-għan li jiġu integrati s-sistemi tar-R&I tal-Mediterran. Azzjonijiet individwali tipikament idumu minn 3-4 snin. L-impatt ikun limitat. Din mhix l-għażla ppreferuta.</p> <p>Għażla 1: Azzjoni tal-ERA-NET Cofund – L-attività prinċipali taħt Orizzont 2020 tkun l-implimentazzjoni ta'</p>

sejħa waħda (jew sensiela) konġunta kofinanzjata għal proposti għal kull azzjoni li tirriżulta fil-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka u/jew innovazzjoni transnazzjonali. Azzjonijiet individwali tipikament idumu 5 snin. Ma tippermettix l-indirizzar b'mod sostanzjali tad-dimensjoni tal-innovazzjoni, għaliex il-programmi nazzjonali li jikkollaboraw u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom qegħdin jindirizzaw prinċipalment l-attivitajiet tar-riċerka ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka pubbliċi. L-Għażla 1 mhix mistennija li tintegra l-programmi ta' finanzjament nazzjonali f'aġenda strateġika ta' riċerka komuni. Din mhix l-għażla ppreferuta.

Għażla 2: Programm Konġunt PRIMA bbażat fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE – Jippermetti lill-UE tipprovdi għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi ta' riċerka u żvilupp imwettqa minn bosta Stati Membri, inkluż parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għat-tweqqif ta' dawk il-programmi. L-Artikolu 26 tar-Regolament dwar il-Programm Qafas Orizzont 2020 jispeċifika l-kundizzjonijiet u l-kriterji biex tiġi identifikata u proposta inizjattiva skont l-Artikolu 185 tat-TFUE. Fost kriterji oħrajn, l-inizjattivi skont l-Artikolu 185 jistgħu jiġu proposti biss mill-Kummissjoni f'każijiet fejn ikun hemm il-ħtieġa għal struttura ddedikata ta' implimentazzjoni u fejn ikun hemm livell għoli ta' impenn tal-Istati Parteċipanti għall-integrazzjoni fil-livelli xjentifiċi, ta' ġestjoni u finanzjarji. Din l-għażla tinkludi l-formulazzjoni ta' aġenda ta' riċerka strateġika komprensiva u l-implimentazzjoni kompleta tagħha permezz ta' sejniet għal proposti transnazzjonali multipli, imwettqa minn bosta SP u implimentati permezz ta' struttura ta' implimentazzjoni dedikata (korp għall-finanzjament tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata). Dan huwa tipikament impenn fit-tul (10 snin). L-UE tipprovdi appoġġ finanzjarju, billi tqabbel l-investimenti nazzjonali. Din hija l-għażla l-aktar adattata biex tilħaq l-oġġettivi speċifiċi u ġenerali u b'mod partikolari ir-realizzazzjoni ta' numru ta' piloti u dimostraturi f'oqsma strateġikament importanti relatati mal-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel. Tqis bis-sħiħ it-tagħlimiet meħuda - fir-rigward tal-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE, il-kisba tal-impatt, eċċ. – mill-implimentazzjoni ta' inizjattivi tal-Artikolu 185 passati u li għadhom għaddejjin. Din l-għażla hija ddisinjata wkoll sabiex tiżgura ġestjoni finanzjarja soda u biex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea permezz ta' kontrolli *ex ante* adegwati, rapportar finanzjarju, u verifika *ex post*.

Min jappoġġja liema għażla?

Mill-konsultazzjonijiet online mal-Partijiet interessati, **I-Għażla 2** hija meqjusa li tirrappreżenta l-għażla politika ottimali.

Skont il-Grupp ta' Esperti, kif iddikjarat fir-rapport tiegħu, **I-Għażla 2** hija meqjusa wkoll li tirrappreżenta l-aktar għażla politika favorevoli.

Minn perspettiva politika usa', l-għażla ta' prijoritazzjoni għandha tkun proporzjonata mal-importanza tal-problema li se tiġi indirizzata u ma' kemm hija akuta, mal-ħtieġa li tiġi indirizzata bis-serjetà u mingħajr dewmien, u mal-ambizzjoni u l-impenn tal-parteċipanti li jiddedikaw biżżejjed riżorsi u attenzjoni kollettiva biex jiżguraw riżultat ta' suċċess. F'din il-perspettiva, minħabba livell potenzjalment ogħla ta' **effikaċja** għall-ilfuq tal-oġġettivi identifikati, **effiċjenza** aħjar fl-implimentazzjoni, u aktar **koerenza** ma' politiki u programmi oħra, l-Għażla 2 tidher l-aktar adegwata, minkejja li mhix nieqsa minn numru ta' riskji li jridu jiġu mmitigati b'mod xieraq.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk prinċipali)?

L-għażla ppreferuta tal-Artikolu 185 se tikseb l-integrazzjoni rapida tal-programmi u l-attivitajiet nazzjonali tar-R&I fiż-żona tal-Mediterran. Din se tiżgura t-tweqqif effiċjenti u effikaċi ta' soluzzjonijiet integrati innovattivi komuni ppilotati u murija bis-sħiħ għall-ġestjoni sostenibbli tal-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel. Se tipprovdi opportunitajiet akbar għall-SMEs u kumpaniji oħrajn fis-setturi tal-ikel u l-ilma fiż-żona tal-Mediterran. Se jkollha impatti ambjentali pożittivi fuq skala kbira. Se ttejjeb l-għajxien tal-bdiewa. Se tipproduċi impatti ekonomiċi pożittivi mdaqqsqa. Se ttejjeb in-nutrizzjoni u s-saħħa għan-nies taż-żona tal-Mediterran. U se tikkontribwixxi għal stabbiltà politika akbar u tnaqqis fil-migrazzjoni interna u esterna.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk prinċipali)?

L-inizjattiva teħtieġ l-investiment ta' EUR 200 miljun mill-Orizzont 2020 fuq il-perjodu ta' 10 snin tal-Programm konġunt PRIMA. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE taqbel ma' ammont simili impenjat mill-Istati Parteċipanti (SP). Sejra tiġi stabbilita diviżjoni ċara tax-xogħol bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-SP. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE sejra tkun iffukata l-aktar fuq l-attivitajiet tar-R&I f'livelli ta' tlestija teknoloġika akbar fil-forma ta' appoġġ għall-massa kritika meħtieġa għal numru limitat ta' piloti u dimostraturi magħżula b'mod strateġiku. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji nazzjonali se jkunu ffukati fuq l-attivitajiet tar-R&I f'livelli ta' Tlestija Teknoloġika aktar baxxi, fuq il-mobbiltà u l-azzjonijiet tat-taħriġ, fuq l-attivitajiet tan-netwerking, eċċ. Il-Pjanijiet Annwali ta' F'idma se jrin jiżguraw il-konsistenza bejn l-attivitajiet kollha u l-orjentazzjoni tagħhom lejn l-ilfuq tal-oġġettivi operazzjonali, speċifiċi u ġenerali.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-inizjattiva se tipprovdi lin-negozji, lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi fiż-żona tal-Mediterran, b'mod partikolari dawk fis-setturi tal-ilma u tal-ikel, b'opportunitajiet ekonomiċi akbar. Fiż-żona tal-Mediterran, l-Intrapriżi Mikro, Żgħar u

Medji jikkostitwixxu xprunatur ekonomiku u għall-impjiegi ewlieni. L-SMEs fl-industrija tal-ikel jirrappreżentaw sehem kbir min-numru totali ta' SMEs u għandhom potenzjal kbir għall-innovazzjoni. Skont il-Grupp ta' Esperti ta' PRIMA, nofs l-SMEs fl-industrija tal-ikel ikunu jistgħu jwettqu attivitajiet ta' innovazzjoni, li jippermettilhom ikunu involuti ħafna aktar, pereżempju fil-katini tal-valur tal-industrija tal-ikel.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Taħt l-inizjattiva, l-Istati Parteċipanti se jikkontribwixxu EUR 200 miljun. L-inizjattiva se tinvolvi bis-sħiħ lill-partijiet interessati fis-settur pubbliku fl-SP kollha, inkluż il-ministeri, l-aġenziji u entitajiet ta' finanzjament oħra f'pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE li għandhom interess fil-problemi li qed jikkonfrontaw liż-żona tal-Mediterran fil-qasam tal-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel. It-trasferiment tal-għarfien u l-ħolqien ta' ħiliet huma meqjusa impatt dirett tal-implimentazzjoni tal-Għażla 2, għaliex jimplikaw l-istabbiliment ta' *modus operandi* ġdid u integrat lejn ir-reġjun tal-Mediterran fir-R&I.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-impatti tal-għażla tal-Artikolu 185 huma wesgħin u jinkludu impatti fuq ir-R&I, industrijali, ambjentali, agrikoli, nutrittivi, fuq is-saħħa, politiċi u fuq il-migrazzjoni. .

D. Segwitu

Meta se tiġi analizzata l-politika?

Fil-każ tal-Artikolu 185, l-effikaċja għandha tiġi evalwata kemm fil-livell tal-programm (bil-fokus fuq jekk l-oġettivi globali ntlaħqux) kif ukoll fil-livell nazzjonali (bil-fokus fuq l-għanijiet tal-pajjiżi individwali). Qed tiġi prevista evalwazzjoni indipendenti interim u waħda finali. Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tad-data għal dawn l-evalwazzjonijiet jeħtieġ li jiġu speċifikati fil-bidu tal-inizjattiva tal-Artikolu 185.